FRAR 2013 IT-33 SENA GĦADD 327

NEWSPAPER POST – ISSN 1811-5373

# DAWL FRANĠISKAN

leħen il-kapuċċini maltin



F'DIN IL-ĦARĠA

**ORDINAZZJONI TA' TLIET QASSISIN KENJANI**

**EX-KLANDESTIN ISIR SAĊERDOT**

**FONDAZZJONI SURET IL-BNIEDEM**

# WERREJ


10


14


18


22


24


3 **Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju!**
Editorjal

4 **Bibbja**
minn Mons. Lawrenz Sciberras

8 **Reċensjoni**
minn Mons. Salv Grima

9 **Poeżija**
minn Patri Wistin Attard OFMCap

10 **Missjoni**

14 **Franġiskaniżmu**
minn Patri Ivan Scicluna OFMCap

16 **Vokazzjoni**
minn Br Miguel Zammit OFMCap

17 **Esperjenza**
minn James Borg Cumbo u Luke Pace

18 **Professjoni Solenni**

22 **Evanġelizzazzjoni**
minn Patri Mario Attard OFM Cap

24 **Palazzi f'Malta**
minn Joseph C. Camilleri

30 **Kompetizzjonijiet**
minn Patri Wistin Attard OFMCap

31 **Novella**
minn John Caruana



**DAWL FRANĠISKAN**
*leħen il-kapuċċini maltin*

**Ħlas ta'l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**

*Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:*
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN121**




*Qoxra:*
***San Pawl - pittura fuq it-tila minn Franz Anton Maulbertcsh li tinsab f'mużew tal-arti f'Budapest, l-Ungerija.***


**BORD EDITORJALI**

Editur
**LEONARD FALZON OFMCap**

Amministratur
**CRISPIN TABONE OFMCap**

Distributur
**DORIAN HOLLAND OFS**

Membri
**FRANO FENECH OFMCap**
**IVAN SCICLUNA OFMCap**
**MARTIN MICALLEF OFMCap**

DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI
**KUNVENT TAL-KAPUĊĊINI, FLORIANA - FRN1211**
**TEL: 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949**
**E-MAIL: lpf1939@gmail.com**

ISSN 1811-5373

DISINN U LAYOUT
**ROBERT TABONE**
**MOB: 9947 3763**

MITBUGĦ
**PRINTIT**
**TEL: 2189 4446/7**



*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*

**© Dawl Franġiskan 2013**
**Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**

# ĦAŻIN GĦALIJA JEKK MA NXANDARX L-EVANĠELJU!



F'dan ix-xahar il-Knisja f'Malta qiegħdha tiċċelebra s-Solennità tan-Nawfraġju ta' Missierna San Pawl. Din iċ-ċelebrazzjoni fiha ħafna sens speċjalment f'din is-Sena tal-Fidi li ġiet imnedija nhar il-11 t'Ottubru li għadda. Kif qal il-Papa Benedittu XVI stess fl-Ittra Appostolika tiegħu, meta nieda s-Sena tal-Fidi, Porta Fidei, din is-Sena hija *"tħeġġiġa għall-konverżjoni awtentika u mġedda għall-Mulej, is-Salvatur waħdieni tad-dinja"* (§ 6). Barra minn hekk l-Isqfijiet urewna kif dan nistgħu tabilħaqq ngħixu permezz tal-Ittra Pastorali li kitbulna fl-Avvent li għadda.

Nhar it-tieni miġja tiegħu fostna l-Beatu Ġwanni Pawlu II iddeskriva l-miġja tal-appostlu Pawlu bħala waħda *"drammatika"*. Ma niskantax. Kull darba li tismagħha, iżżommok fuq ix-xwiek biex tara x'se jiġri. Anki s-sitwazzjoni preżenti f'dawn il-Gżejjer hija l-istess. Bħalissa qiegħed jingħad kull xorta ta' diskors li, ħafna minnu, tagħsar kemm tagħsar, ma jibqagħlux sugu! Kellhom raġun l-Isqfijiet jikkumentaw fl-Ittra tagħhom li ***"illum il-bniedem hu ttentat jagħlaq widnejh għax għejja jisma' kliem li għandu ħoss ħelu, imma vojt. Il-kliem sar wisq irħis, tant li sar faċli nilagħbu bih. F'ċertu sens, illum il-bniedem qed jagħżel li jkun trux!"***

Quddiem din is-sitwazzjoni drammatika u tal-biki fejn il-bniedem ma jridx jisma' għaliex iddardar jiġi mitmugħ r-ross bil-labra ta' min iwegħdu l-ġenna fl-art biex imbagħad jiddiżappuntah bil-kbir. Aħna l-Insara għandna x'noffru. Lil Maltin u Għawdxin li spiċċaw torox u muti għaliex ma jifilħux għal din l-ipokresija grassa li qiegħdha tniġġes l-arja spiritwali f'dawn il-Gżejjer, il-fidi Nisranija tilqa' u toffri l-Kelma ta' Alla. Fi kliem l-Isqfijiet, fil-Kelma ta' Alla nsibu dak il-kliem li ***"jolqot fil-laħam il-ħaj, jibni lill-persuna, u … (i)ċċarrat il-maskra tal-ipokresija"***.

*Għax il-Kelma ta' Alla m'hijiex kaċċa għall-voti jew għall-popolarità. Anzi, hija tfittxija kontinwa u sptar għall-qalb u r-ruħ marida.*



Bil-Kelma ta' Alla nistgħu ***"nibnu relazzjonijiet aktar ġenwini u ġusti"***. Għax il-Kelma ta' Alla m'hijiex kaċċa għall-voti jew għall-popolarità. Anzi, hija tfittxija kontinwa u sptar għall-qalb u r-ruħ marida. Kliemha, għax hu veru, "jolqot fil-laħam il-ħaj". U, jisħqu l-Isqfijiet, il-Kelma ta' Alla għandha l-qawwa li timla lill-bniedem bil-kuraġġ sabiex ***"jikser is-silenzju u jbexxaq aktar fommu, kemm fil-pjazza u kemm fuq iz-zuntier, biex iċaqlaq l-ilma qiegħed kemm fil-qasam soċjali u kemm f'dak reliġjuż!"*** Mhux ta' b'xejn mela li min jinfetaħ għall-Ispirtu ta' Alla u jgħixha kapaċi ***"jdewwaq il-benna tal-irġulija"*** kull fejn ikun!

Biex il-Kelma ta' Alla tidħol b'ruħha u ġisimha fis-soċjetà tagħna jeħtieġu għemejjel ta' rġulija mill-kbar nett. L-ewwel pass hu li nagħrfu ħtijietna. Irrid nammetti li għandi bżonn nikkonverti waħda żul minn hemm! L-Isqfijiet jgħidulna li biex niġġeddu tassew jeħtieġ li ***"widnejna jinfetħu għall-Kelma li għandha qawwa toħloqna mill-ġdid. Għalhekk 'inħossu tabilħaqq li qabelxejn għandna nikkonvertu aħna stess u ninhakmu minn Kristu li waħdu kapaċi jġedded kollox… Nafu li jeħtieġ nagħrfu bl-umiltà kollha d-dgħufija tagħna quddiem il-ġrieħi tal-istorja u ma nibqgħux lura milli nagħrfu d-dnubiet personali tagħna'. Aktar ma dan il-proċess ta' konverżjoni jkabbarna fix-xebh ma' Kristu, aktar il-kelma tagħna titwemmen"***.

U Pawlu mhux hekk għamel? M'ammettiex huwa wkoll li *"ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu"*? (Gal 2:20). Ma stqarrx ukoll dnubietu meta qal: *"Naf li t-tajjeb ma jgħammarx fija, jiġifieri f'ġismi. Ir-rieda tajba qiegħda hemm fija, imma li nagħmel it-tajjeb mhux hemm. M'iniex nagħmel it-tajjeb li rrid, imma qiegħed nagħmel il-ħażin li ma rridx… Msejken bniedem li jien! Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tal-mewt?"* (Rum 7:18-19. 24).

Madankollu quddiem din il-kontradizzjoni f'ħajtu Pawlu mhux talli ma ddisprax talli iżża ħajr lill-Mulej għaliha! Fil-fatt fil-vers ta' wara huwa stqarr: *"Niżżi ħajr lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu Sidna!"* (Rum 7:25). Minflok qagħad f'rokna jibki 'l xortih, qam minn hemm, xammar idejh u ħalla lill-Ispirtu ta' Alla jinqeda bih. Għax emmen u fada fil-Mulej mar quddiem slaten u gvernaturi u għamel safar bla għadd. Basta jxandar lil Kristu Ġesù! U b'daqshekk qatt ma ħassu li qiegħed jagħmel xi pjaċir lill-Mulej. Anzi, dan tiegħu ħassu dmir sagrosant! Għax kien Nisrani! Tant hu hekk li lill-Korintin kitbilhom: *"Jekk jiena qiegħed inxandar l-Evanġelju ma għandix biex niftaħar; jiena obbligat nagħmel dan. Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju! Jekk dan nagħmlu minn rajja, ikolli jedd għall-ħlas; imma jekk nagħmlu għax obbligat, dan ifisser li qed nagħmel xogħol afdat f'idejja"* (1 Kor 9:16-17).

U l-Isqfijiet tagħna ma ħeġġuniex ukoll meta qalulna: ***"Hemm bżonn niskopru spazji ġodda fejn niltaqgħu ma' Kristu, atteġġjamenti tassew evanġeliċi, li għandhom għeruqhom fl-esperjenzi l-aktar profondi tal-ħajja tal-bniedem, bħalma huma l-familja, ix-xogħol, il-ħbiberija, il-faqar u l-provi tal-ħajja, u l-bqija"***?

Ejjew inqumu fuq tagħna billi nħallu l-Kelma ta' Alla tiftħilna għajnejna ħa naraw u ngħinu lil min jara u lill-widnejna biex nisimgħu u ngħinu lil min jisma'! U ħalli kull wieħed minna ifakkar lilu nnifsu ma' San Pawl: Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju!



# SAWL
## L-EWWEL SULTAN TA' IŻRAEL



### KARATTRU FRAĠLI

Il-kotba tal-Iskrittura huma mimlijin b'nies ta' ħila u kuraġġ kbir, nies li għamlu ġid kbir lill-pajjiżhom u lil ġenshom u mbagħad spiċċaw f'falliment kbir u sħiħ. Falliment li rabat u ġieb miegħu konsegwenzi kbar tassew. Ukoll fost l-akbar eroj bibliċi dawn kellhom il-waqtiet umiljanti tagħhom. Issa flimkien ma' din il-lista ta' eroj u fl-isess ħin ta' falliment, jidħol ukoll is-sultan Sawl. Dan kien bniedem li ħalla lil qalbu tikkontrolla u tikkondizzjona l-ħsibijiet ta' rasu. Dak li kien iħoss, flimkien mas-sentimenti xejn ikkontrollati, mexxew fil-għama l-azzjonijiet ta' ħajjet Sawl, azzjonijiet li spiċċawh litteralment tkisser ġo ħajt iebes sew taż-żonqor.

Suġġettivament dawn is-sentimenti kienu tajbin u ġenwini, imma ma ħallewx lis-sultan Sawl jaġixxi b'mod raġjonevoli. U forsi għalhekk ukoll ma kienx għadu kapaċi biex jiggverna; għaliex meta wieħed ma jipparteċipax fil-waqgħat tal-bnedmin biex imbagħad ikun jista' jgħinhom, dan ma jistax jiggverna u jmexxi. Il-mexxej irid ikollu idu mdaħħla fl-istess tajn tax-xogħol tal-ħaddiema tiegħu: ikollhom ukoll il-kallijiet f'idejhom. Hekk biss jifhem it-tbatija, il-qtigħ ta' qalb u s-sentiment tas-sudditi tiegħu.

### ŻEWĠ ĠRAJJIET KOROH

Matul is-snin bikrijin tat-tmexxija ta' Sawl, dan ħa sehem attiv ħafna f'żewġ ġrajjiet li kellhom konsegwenzi kbar u

*...dan is-sultan kien juri ħniena ma' min kien krudil u xellerat u jispiċċa biex ikun aħrax u iebes ma' min kien ħanin u twajjeb. Kollox inqaleb ta' taħt fuq. Din hija xi ħaġa li tiġri wkoll fi żminijietna.*



koroh tassew fuq il-bqija ta' ħajtu. L-ewwel ġrajja kienet meta Sawl innifsu offra 'l Alla debħiet minn fuq l-artal u dan ix-xogħol kien imiss li jagħmlu biss il-profeta Samwel. Tant kien nuqqas kbir dan tal-offerti, li Samwel widdeb lil Sawl b'dan il-kliem: *"Tbellaħt li ma smajtx mill-ordni li tak il-Mulej, Alla tiegħek"* (1Sam 13:13). Sawl lagħab ħafna mas-sagru, f'dan il-kas li joffri debħiet fuq l-artal lil Alla.

It-tieni "dnub" ta' Sawl kellu x'jaqsam mal-"ħerem". Jiġifieri l-qerda sħiħa u għalkollox ta' dak li jinqabad fil-gwerra. Dan kien jinkludi wkoll l-istess bnedmin. Dan Sawl ma għamlux, anzi ddeċieda li joffrih 'l Alla stess. Waħda mir-raġunijiet tal-ħerem kienet biex il-poplu Lhudi, ma jkunx fil-periku jitniġġes jew jagħmel xi atti pagani bħal dawk tan-nies barranin maqbuda fil-gwerra. Għalhekk Samwel qallu hekk lil Sawl: *"Ara, l-ubbidjenza hi aqwa mis-sagrifiċċju; is-smigħ, aħjar mix-xaħam tal-muntun. Għax int warrabt il-kelma tal-Mulej, hu se jwarrab lilek minn sultan!"* (1Sam 15:22-23).

## TFARRAĠ MINN DAVID

Dawn iż-żewġ ġrajjiet ikkonfermaw li sħab iswed kien qed jinġemgħa fuq ras is-sultan. Issa biex tkompli tgħaxxaq deher fix-xena iben Ġessi, mela David. Diġà r-rebħa xejn mistennija ta' sempliċi ragħaj minn Betlehem fuq l-ġgant Golija ħassbet u ħassbet waħda sew lil Sawl (1Sam 17:51). Sawl tfantas bil-kbir, u l-paġġi ta' madwaru wkoll, issa biex lil dan Sawl forsi jgħaddilu xi ftit mit-tbaqbiqa, ġabulu lit-tfajjel David stess biex dan bid-daqq tal-arpa jnessi u jtajjar id-dwejjaq li kellu fuqu Sawl. Imma ħwejjeġ li ma jitwemmnux; Is-sultan patta għal dan id-daqqq ħelu fuq l-arpa ta' David, billi Sawl waddablu l-lanza tiegħu stess biex jinfdu biha, imma David kien leġġ bizzejjed biex iġġenneb u sgiċċa u hekk ħelisha mill-mewt żgura. Hekk jiġrilu minn jinħakem mill-għira, jibda jara lil kulħadd dubbien u jasal biex jagħmel kollox, saħansitra delitti kbar!

Sawl kompla lagħab karta oħra aktar perikoluża kontra David, forsi hekk Sawl jeħles darb'għal dejjem minnu. David

ħa grazzja mat-tifla l-kbira ta' Sawl stess; din kien jisimha Mikol. David kellu jħallas id-dota, jgħidula il-"moħar' biex ikun jista' jiżżewweġ lil din Mikol. Hekk kienet id-drawwa ta' dawk il-pajjiżi. Issa d-dota li Sawl talab minn David biex jagħtih lil bintu Mikol bħala martu kienet ta' mitt ħliefa tal-Filistin (1Sam 18:25). Sawl irraġuna li meta David jasal biex jagħmel dan, żgur li xi ħadd mill-Filistin jidorbu u joqtlu. Hekk Sawl almenu, indirettament, jeħles darba għal dejjem mir-ragħaj ta' Betlehem. Imma hawn Sawl għarrielu bil-kbir.

Dan kollu juri kemm qalb Sawl xrafet tassew u tasal biex tagħmel kollox saħansitra wkoll ma' dak li aktar 'il quddiem kellu jsir ir-raġel ta' bintu stess u s-suċċessur ta' warajh.

Il-kobba mħabbla li daħal fiha Sawl kompliet tħabblet waħda sew. Kien hemm ġrajja li seħħet f'Gabogħa. Sawl b'saħħa fuqu kkmanda: *"Duru u oqtlu lill-qassisin tal-Mulej, għax huma wkoll newwlu idejhom lil David, għax kienu jafu li ħarab minni, u ma qaluli xejn. Imma l-qaddejja ma ridux jerfgħu idejhom fuq il-qassisin tal-Mulej u joqtluhom"* (1Sam 22:17). Dawn kienu midlukin biż-żejt. Donnu ma kien għad fadal ebda soluzzjoni oħra għas-sitwazzjoni hekk makabra li kienet qed tirrenja fi żmien Sawl, għajr li huwa mill-aktar fis possibbli jwarrab minn postu u jagħmel il-wisa'.

## L-AĦĦAR SNIN

Għal din il-biċċa xogħol hekk iebsa u ta' riskju għal kulħadd, Alla qabbad mill-ġdid il-profeta Samwel. Imma Sawl ma riedx jisma' u jwarrab. Kellmu iebes Samwel, tant li sa fl-aħħar dar bil-herra, u Sawl qabdu mill-mantar biex jiġbdu lura. Imma b'xorti tajba l-mantar iċċarrat f'idejn Sawl stess. Dan kien sinjal li Alla qed jeħodlu s-setgħa minn idejn is-sultan. Hekk qallu Samwel: *"Illum il-Mulej ċarratlek is-saltna minn idejk"* (1Sam 15:28). Kliem aktar ċar minn dan ma setax jgħidlu l-profeta. Sawl intebaħ sew b'dan kollu tant li wasal biex ikkonkluda hekk: *"Alla tbiegħed minni, u ma jweġibnix, la bil-profeti u lanqas bil-ħolm"* (1Sam 28:15b).



Bosta għorrief studjaw bir-reqqa kollha l-karattru ta' Sawl u waslu biex jikkonkludu li dan is-sultan kien juri ħniena ma' min kien krudil u xellerat u jispiċċa biex ikun aħrax u iebes ma' min kien ħanin u twajjeb. Kollox inqaleb ta' taħt fuq. Din hija xi ħaġa li tiġri wkoll fi żminijietna.

Forsi dan jidher li mhux tant veru. Imma Sawl li ma wasal qatt biex qatel lil Amalekin, ukoll jekk ikkundannat, wasal imbagħad biex qatel qassisin, irġiel, nisa u tfal innoċenti. Sawl ma kienx ta' intern ħazin u li jġib, imma bniedem li qatt ma kiber, baqa' tifel. U għalhekk jidher li huwa qatt ma kien f'sensih meta dineb, imma aġixxa u mingħalih kien qed jagħmel it tajjeb. Ukoll meta ppersegwita bis-sħiħ lil David, fil-fond ta' qalbu Sawl kien iħobbu lil bin Ġessi, ir-raġel ta' bintu Mikol.

Sawl intrikeb waħda sew minn biża' reali li se jitlef is-saltna mingħajr ma jgħaddiha lil ħadd mill-familja tiegħu, forsi aktarx lil ibnu Ġonatan. Din kienet xi ħaġa li ma seta' jnizzilha qatt u qatt. Għaliex fil-mentalità semitika, il-muftieħ, mela is-setgħa, għandha dejjem tintiret. U għalkemm kien qed jara lil David bħala l-għadu numru wieħed tiegħu, Sawl xorta waħda baqa' jsejjaħlu "ibni". Dawn l-azzjonijiet ma jsirux minn min ikun f'sensieh. Strambi dawn l-affarijiet, imma jiġru tassew!

## TMIEM ĦAJJET SAWL

Il-kapitlu 28 tal-ewwel ktieb ta' Samwel juri kemm l-aħħar taqsima ta' ħajjet Sawl kienet waħda tassew imħawwda u mqallba. Forsi din kienet paġna oħra sewda minn ħajtu. Il-gwerra kienet kontra l-Filistin. L-ewwel daqqa tal-mewt kienet meta l-Filistin qatlu lil għeżież uliedu: Abinadab, Malkisugħa u Ġonatan. Issa kien imiss lil Sawl. Laħquh l-arċiera u darbuh lil Sawl kemm-il darba. Dan ma kienx biżżejjed, tant li Sawl stess talab lil iskudier tiegħu u qallu: *"Islet ix-xabla u nfidni biha, li ma jiġux dawn in-nies bla ħtin u jinfduni huma u jiddieħku bija"* (1Sam 31:4). L-iskudier dan ma għamlux, però għamlu mbagħad Sawl stess, għaliex Sawl stess qabad ix-xabla u nxteħet fuqha. Mewt mill-iktar kera, umiljanti u ta' disperazzjoni!

Ġew il-Filistin u sabu lil Sawl u lil tlitt uliedu mixħutin mejtin fuq il muntanja Gilbogħa. Dan ma kienx biżżejjed għaliex il-Filistin ħanxru barra ras Sawl u neżżewgħuh mill-armi u mill-ilbies li kien liebes hu. Barra dan, l-istess Filistin qabdu *"il-katavru ta' Sawl u dendluh mal-ħitan ta' Betsan"* (1Sam 31:10). Hekk temm ħajtu dan il-midluk tal-Mulej. Forsi mewt aktar umiljanti u bla ġieħ minn din, is-sultan Sawl ma setax jgħaddi minnha! Aktarx hekk jiġrilu kull min jitbiegħed mill-Mulej.

Quddiem din il-paġna ta' mistħija u għajb ta' ħajjet Sawl, xorta waħda ma jtellfux mill-merti kbar li kien ġabar, għaliex hu kien u jibqa' l-ewwel Sultan midluk tal-poplu ta' Iżrael. ■

# KOTBA MINN GĦAWDEX EJJEW NAPPREZZAW IL-MAGĦMUDIJA TAGĦNA




**MONS. LAWRENZ SCIBERRAS, *"Is-Sagrament tal-Fidi: il-Magħmudija", Għawdex 2013, pp.122, €5.50***

Fil-Pastorali tagħhom, fl-okkażjoni tas-Sena tal-Fidi (29 ta' Settembru 2012), l-Isqfijiet jiġbdulna l-attenzjoni wkoll dwar il-Magħmudija: *"Hemm min jgħid li jemmen għaliex il-ġenituri kienu għammduh u għandu ċertifikat tal-magħmudija"* (29-9-2012). B'dan il-kliem qed jgħidulna kemm in-Nisrani m'għandux ikun kuntent b'daqshekk biss. Dan għaliex hi meħtieġa katekeżi iktar sħiħa li tkompli tgħin fit-tisħiħ tal-Fidi li ngħatat bħala don minn Alla permezz tas-Sagrament tal-Magħmudija, u li għalhekk dan jitlob tagħrif dottrinali u liturġiku aħjar.

Dan hu l-iskop tal-kontribut li nsibu fil-ktieb ***"Is-Sagrament tal-Fidi: Il-Magħmudija"*** li Mons. Lawrenz Sciberras qed jgħaddilna b'tifsir skemat u b'ħarsa mifruxa fuq 18-il kapitlu, speċjalment fid-dawl tal-Kelma ta' Alla fl-Antik u l-Ġdid Testment u fit-Tradizzjoni tal-Knisja.

Fil-qosor, il-qarrej għandu f'idejh tagħlim li bħal teżor iħaddan u japprezza l-imgħoddi tiegħu, jgħożżu waqt li qed igawdih, u jibqa' jħarsu għall-ġejjieni kollu. Fi kliem ieħor kull Nisrani, għax mgħammed, għandu jiftakar:

- x'wiret,
- minn xiex hi minusġa ħajtu, u
- x'mixja għandu quddiemu.

Dan kollu hu miġbur u marbut b'siġill mal-Ħajja l-Ġdida li bdejna permezz tal-Magħmudija.

Għalhekk l-awtur qed joffrilna din l-għajnuna siewja f'waqtha kemm biex tkompli ma' dak li qed twasslilna l-Knisja fi żmienna kif ukoll bħala sussidju għal dawk kollha li għandna dmir ngħaddu lil ta' warajna, il-wirt prezzjuż tal-Fidi u l-ħajja tal-Magħmudija.

L-awtur jiddedika kapitli sħaħ biex ifisser is-simboli, il-ġesti u ħwejjeġ oħra li huma f'rabta mal-għoti tal-Magħmudija u li lkoll jgħinu mhux biss lill-ġenituri u l-parrini, iżda lil kull min ikun preżenti u jsegwi x'qed isir waqt li jistqarr li hu Nisrani.

Dan il-ktieb, imżewwaq ukoll bi stampi espressivi, jista' jservi bħala rigal f'okkażjoni ta' Magħmudija kif ukoll għall-meditazzjoni personali jew waqt laqgħat ta' spiritwalità bħala parti miċ-ċelebrazzjoni tas-Sena tal-Fidi ħalli "niskopru mill-ġdid il-ġmiel tal-Magħmudija, li hija l-bieb li minnu nidħlu għall-ħajja Nisranija" kif ipproponielna Mons. Isqof Mario Grech fiċ-ċirkulari tiegħu, f'Settembru li għadda (26/2012). Dan il-ktieb jista' jinkiseb mil-libreriji ewlenin kif ukoll mingħand l-awtur stess (tel. 21551420). ■

# HEKK SABIĦ

*Hekk sabiħ mhux b'dik il-qilla*
*Theżheż snienek għal kulħadd*
*Sa keċċejt 'il min jitgħaxxaq*
*Jiġi ħdejk kull nhar ta' Ħadd.*

*Ħares naqra x'hemm ma' dwarek*
*Frott il-bluha ta' dirgħajk:*
*Ħmieġ, injam u opri mfarrka.*
*Naf li dan ma seħħx minn rajk.*

*Sa blatiet xaqqaqt bil-qilla*
*U ttajjart sa m'għola l-bjut,*
*Frott il-qiegħ żarrattu kollu*
*Kobob kbar ta' spag u ħjut.*

*Imma llum xaqqaqt 'il qlubna*
*F'wieħtek tgħaxxaq kullimkien.*
*Ġibtna lsiera ta' sbuħitek,*
*Ġbidtna mkarkra lkoll flimkien.*

*Jekk biss nemla taqa' fl-ilma*
*Timla l-bajja ċrieki sbieħ,*
*Nista' nisma' ċ-ċafċif t'idha*
*Tilheġ, tonfon bla mistrieħ.*

*Il-bebbux u l-granċ infatru*
*Wara sawm li dam qatigħ,*
*Ħarġu, bħalna, jduru l-plajja*
*Jiggustaw sal-ħut fil-qiegħ.*

*Ibqa' henni l-qlub imtaqqla*
*Ibqa' żiegħel bix-xtajtiet,*
*Ħalli l-għadab jikbes għada*
*Imma għal-lum serħan u skiet.*



# *PREŻENTAZZJONI FIL-KATIDRAL F'GARISSA*
# *TAL-ISQOF KOADJUTUR JOSEPH ALESSANDRO OFMCap*






Mons. Joseph Alessandro OFMCap ġie ordnat Isqof Koadjutur tad Djoċesi ta' Garissa-Kenja, is-Sibt 29 ta' Settembru 2012, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal John Njue, Arċisqof ta' Nairobi, assistit mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawlu Cremona OP u minn Mons. Paul Darmanin OFMCap Isqof ta' Garissa.




Garissa



Li wieħed jiġi ordnat Isqof Koadjutur ifisser li dan ikun ukoll il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi u bid-dritt li jidħol flok l-Isqof tal-post hekk kif il-Papa jaċċetta t-talb ta' riżenja tal-Isqof li jkun, jew minħabba l-età - meta jagħlaq 75 sena - jew minħabba raġunijiet ta' saħħa, jew għal xi raġuni oħra.

L-Isqof Koadjutur, skont il-Liġi tal-Knisja, ikun irid jieħu l-pussess kanoniku tal-uffiċċju tiegħu billi jiġi uffiċjalment ippreżentat. Dan ifisser li d-Digriet (il-Bolla) mill-Papa tal-ħatra tiegħu bħala Isqof Koadjutur ikun irid jiġi għall-għarfien tal-kleru u tal-fidili tad-Djoċesi.

Għal dan il-għan, saret iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni ta' Mons. Joseph Alessandro, il-Ħadd 9 ta' Diċembru 2012, fil-Katidral ta' Garissa, fejn l-Isqof Paul Darmanin ippreżenta lill-Mons. Joseph Alessandro bħala l-Isqof Koadjutur tiegħu. Wara din iċ-ċerimonja Mons. Alessandro mexxa quddiesa konċelebrata li fiha ordna tliet saċerdoti ġodda għad-Djoċesi ta' Garissa.

Dak il-jum kien jum mill-isbaħ għad-Djoċesi, kemm għax fih ġie ppreżentat b'mod uffiċjali l-Isqof Koadjutur il-ġdid, kif ukoll għax id-Djoċesi ġiet mogħnija bi tliet presbiteri ġodda.

Il-funzjoni tal-preżentazzjoni bdiet b'purċissjoni mis-sala parrokkjali lejn il-Katidral li kien irranġat b'mod dinjituż u li jixraq għal din l-okkażjoni speċjali.

Fil-purċissjoni ħadu sehem in-nies kollha li attendew, akkompanjati mill-membri tal-kor u xi tfal u żgħażagħ li jiżfnu, mill-abbatini, minn numru sabiħ ta' reliġjużi u saċerdoti tad-djoċesi li ġew minn diversi parroċċi f'Garissa. Lejn l-aħħar tal-purċissjoni kien hemm l-Isqof Koadjatur il-ġdid akkumpanjat mill-Isqof Mons. Paul Darmanin u mid-djaknu.



Hekk kif il-purċissjoni daħlet fil-katidral fost ħafna kant u żfin, u wara li kulħadd sab postu, Mons. Alessandro għamel mument qasir ta' talb quddiem is-Sagrament Imqaddes tal-Ewkaristija fit-tabernaklu. L-Isqof Darmanin spjega lill-ġemgħa kollha miġbura t-tifsira ta' din iċ-ċelebrazzjoni u x'inhi r-responsabbiltà tal-Isqof Koadjutur.









Imbagħad l-Isqof ippreżenta d-Digriet tal-Papa lill-kleru u lin-nies, li ġie milqugħ b'ċapċipa kbira. Fr Spiro Galea qara t-traduzzjoni ta' dan il-Digriet bl-Ingliż u Fr Nicholas Mutua qara t-traduzzjoni bis-Swahili. Fl-aħħar, Mons. Alessandro ndirizza kelmtejn ta' radd il-ħajr, lil Alla, lill-Q.T. il-Papa Benedettu XVI, lill-Isqof Paul Darmanin, lis-Saċerdoti, lir-Reliġjużi u lill-Insara tad-Djoċesi, kemm dawk preżenti kif ukoll dawk li ma kienx possibbli għalihom li jattendu minħabba d-distanzi u anki għax xi uħud minnhom kienu magħluqin minħabba x-xita.

Mons. Joseph Alessandro wiegħed li jingħata kompletament lid-Djoċesi ta' Garissa b'impenn u b'imħabba, u qiegħed il-ministeru ġdid tiegħu taħt il-ħarsien ta' Ommna Marija. ■

*"...inwiegħed li ningħata kompletament lid-Djoċesi ta' Garissa b'impenn u b'imħabba, u nqiegħed il-ministeru ġdid tiegħi taħt il-ħarsien ta' Ommna Marija."*



# "TAQRAHA XEJN IL-KELMA TA' ALLA?"... "GĦANDI WAĦDA, FATHER, PULITA FUQ L-IXKAFFA ...!"

Mhux darba u tnejn, iltqajt ma' din it-tip ta' risposta meta nistaqsi lil xi ħadd jekk jaqrax jew jitlobx bil-Kelma ta' Alla. Tweġibiet bħal dawn iġegħluni nahseb ħafna. Juru kemm fostna l-Insara jeżisti bżonn urġenti li nerġgħu naqbdu l-Bibbja f'idejna, insiru nafuha, nitolbu biha u nħalluha tkun verament, ***"musbieħ għal riġlejna u dawl fil-mogħdija tagħna"*** (Salm 119:105). Għalhekk, f'dan l-artiklu, kif ukoll f'dawk tal-ħarġiet li ġejjin, se niffukaw fuq l-irwol tal-Kelma ta' Alla fil-mixja spiritwali ta' San Franġisk t'Assisi, bit-tama li f'din is-Sena ddedikata lill-Fidi terġa' titkebbes f'qalbna l-imħabba lejn il-Kelma ta' Alla.

*"Ngħid għalija, tant mantnejt lili nnifsi bil-Kelma ta' Alla, li għandi iktar minn biżżejjed għall-meditazzjoni u r-riflessjoni tiegħi. M'għandix bżonn iżjed, ibni; jien naf lil Kristu, fqir u msallab."*[1] Hekk stqarr San Franġisk, fl-eqqel tal-mard tiegħu, lil wieħed mill-patrijiet li ssuġġerielu l-qari tal-Iskrittura bħala refuġju għat-turmenti li kienu jifnuh. Din l-istqarrija tixhed kemm il-Fqajjar t'Assisi, f'ħajja relattivament qasira, ta' 44 sena, kien sar midħla tal-Bibbja. Ir-relazzjoni li Franġisku kellu mal-Kelma ta' Alla – djalogu teneru, jaħraq, saħansitra fjamma li trid tixpakka minn qalbu – wasslitu biex jagħraf profondament lil Sidna Ġesù Kristu. Kien sar persważ mit-twissija hienja ta' San Ġirolmu: *"Min ma jafx l-Iskrittura, ma jafx lil Kristu."*[2] Mhux ta' b'xejn li l-Beatu Ġwanni Pawlu II, li għalih San Franġisk jirrappreżenta *"un modello di uomo, di persona umana più vicina à Ġesù; un più perfetto imitatore di Ġesù,"*[3] jissuġġerielna biex induru lura lejn l-Evanġelju permezz ta'



Franġisku: *"Torniamo sempre a San Francesco … torniamo sempre a Gesù, al Vangelo attraverso Francesco."*[4]

Biex nifhmu aħjar kif San Franġisk sar hekk ħobż u sikkina mat-testi tal-Kotba Mqaddsa, tajjeb li ngħidu li fil-Medju-Evu, l-Iskrittura kienet fonti ta' għarfien mhux biss teoloġiku, imma anki profan. Il-Bibbja kienet inserita sewwa fil-programm tat-tagħlim skolastiku tat-tfal fl-iskejjel. Ma kinitx meqjusa xi ġawhra rari li ħadd ma seta' jmissha u

riservata biss għal xi nies ipprivileġġjati. Anzi, kienet il-ktieb li fuqu t-tfal infantili kienu jitgħallmu jaqraw u jiktbu. Hekk, l-iskola kienet l-ewwel post fejn Franġisku beda jsir familjari mal-Iskrittura Mqaddsa. Dan l-għarfien tal-Kelma ta' Alla kompla żdied u sseddaq, grazzi għall-funzjonijiet liturġiċi u l-predikazzjoni li fihom kienet tinqara u tixxandar il-Kelma ta' Alla.

Franġisku kien konvint minn dak li kkonkluda San Ambroġ ħafna żmien qablu: *"Drink from the springs of the Old and New Testaments, since in the one as in the other you drink Christ ... drink Christ by drinking his words."*[5] Donnu għal Franġisku, is-smigħ u l-qari tal-Kelma tal-Mulej kien iqarreb lejn tqarbina! Infatti San Franġisk kellu l-istess qima u rispett lejn il-Kelma ta' Alla, daqskemm kellu lejn il-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. Din il-qima parallela li Franġisku wera lejn iż-żewġ imwejjed li minnhom jitmantna kull Nisrani – il-mejda tal-Kelma u l-mejda tal-Ewkaristija – tidher bħala antiċipazzjoni tal-kliem tal-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni Divina, Dei Verbum: *"Il-Knisja dejjem tat qima lill-Iskrittura Mqaddsa kif tat lill-istess Ġisem tal-Mulej billi qatt ma naqset, l-aktar fil-Liturġija Mqaddsa, li tieħu l-għajxien bil-ħobż tal-ħajja mill-mejda tal-Kelma ta' Alla u tal-Ġisem ta' Kristu, u tagħtih lill-fidili."*[6] Il-Beatu Ġwanni Pawlu II fl-Ittra tiegħu, Dominae Cenae, ukoll ifakkarna f'dan meta jgħid: *"From the earliest times, the celebration of the Eucharist has been linked ... with the reading of Sacred Scripture..."*[7] Mhux ta' b'xejn li l-Kostituzzjonijiet tagħna l-Franġiskani Kapuċċini jisħqu li l-ikel spiritwali tal-Kelma ta' Alla u tal-Ewkaristija huma ndispensabbli għall-Aħwa jekk tassew iridu jħobbu lil xulxin: *"B'hekk, magħqudin bil-fidi f'Alla Missierna u mitmugħa mill-Mejda tal-Kelma Divina Tiegħu u mill-Ewkaristija, inħobbu lil xulxin, sabiex id-dinja tista' tagħraf li aħna dixxipli ta' Kristu."*[8]

Dan ir-rispett profond li Franġisku kellu lejn l-Ewkaristija u lejn il-Kelma ta' Alla ġieli saqu biex jibgħat lill-patrijiet tiegħu jiġbru l-Ispeċi Ewkaristiċi u kitbiet bil-Kelma ta' Alla fuqhom, li ma kinux miżmuma f'post li jixirqilhom: *"Darba minnhom qatagħha li jibgħat patrijiet fil-provinċji kollha, iġorru ċ-ċiborji biex fihom iqiegħdu l-Ġisem ta' Kristu jekk isibuh imqiegħed f'postijiet mhux xierqa."*[9] *"Nitlob għalhekk lil ħuti kollha u nħeġġiġhom fi Kristu biex kull fejn isibu l-Kelma ta' Alla miktuba, iqimuha mill-aħjar li jistgħu. U jekk isibu Kliem il-Mulej f'xi mkien mhux xieraq, jew jarawh mitfugħ 'l hawn u 'l hemm bl-addoċċ, kemm jistgħu għandhom jiġbru dawn il-kliem u jqegħduh f'post xieraq, u hekk fi kliemu jqimu lill-Mulej innifsu li qalu."*[10]

Eżortazzjonijiet ta' dan it-tip bħal donnhom isiru ritornell fil-kitbiet ta' San Franġisk. Fihom joħroġ ċar kemm il-Qaddis kien jgħożż il-Kelma ta' Alla, għax fiha kien jilmaħ il-Persuna ta' Ġesù tkellmu u tnebbħu x'għandu jagħmel mument b'mument fil-mixja tiegħu warajH.

Biex nifhmu aħjar il-post ċentrali li l-Kelma ta' Alla kellha fil-ħajja ta' San Franġisk, fl-artikli tax-xhur li ġejjin, se



niffukaw fuq erba' tarġiet importanti fil-mixja ta' talb ta' Franġisku għad-dell tal-Kelma ta' Alla u li nixtieq nipproponihom lil kull Nisrani/ja:

(a) Is-Smigħ tal-Kelma;

(b) Il-Meditazzjoni tal-Kelma;

(ċ) L-għixien tal-Kelma fil-ħajja ta' kuljum;

(d) Ix-xandir tal-Kelma.

Jeħtieġ li, bħal Franġisku, kull Nisrani jimpenja ruħu ħalli jgħix b'mod qawwi dawn l-erba' mumenti fil-ħajja tiegħu, kemm fuq livell persunali, kif ukoll fi ħdan il-komunità parrokkjali. ■

Referenzi

1 FRA TUMAS MINN CELANO, *It-Tieni Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi*, 105.

2 SAN ĠIROLMU, *Patrologiae cursus completus*, 24,17.

3 ĠWANNI PAWLU II, *Diskors fis-Seminarju Pontifiċju Maġġuri tal-Vatikan*, 29 ta' Frar 1992.

4 IBID.

5 SAN AMBROĠ, *In Psalmum Expositio*.

6 KONĊILJU VATIKAN II, *Dei Verbum*, 21.

7 ĠWANNI PAWLU II, *Dominae Cenae*, 10.

8 PROVINĊJA KAPUĊĊINA MALTIJA, *Il-Kostituzzjonijiet ta l-Aħwa Kapuċċini*, 1990, 83,7.

9 *Leġġenda ta' Peruġja*, 79.

10 FRANĠISKU T'ASSISI, *Ittra lill Ordni kollu*, 34.



# "AQDU LILL-MULEJ BIL-FERĦ" (SALM 99)

Din kienet is-sentenza li għal tmien snin sħaħ żammejt quddiem għajnejja fiż-żmien li għamilt inservi bħala abbati fil-parroċċa tagħna f'San Ġwann. Kien ukoll dan l-istess kliem minn Salm 99 li kien iservi bħala motto tal-Għaqda tagħna. Ovjament dħalt abbati ta' età żgħira (ftit wara l-ewwel tqarbina) u għalhekk aktar ma bdejt nikber aktar fhimt dan il-vers u fuq kollox dak li kont wegħdt fil-vestizzjoni. Iżda l-vokazzjoni għal ħajja reliġjuża u saċerdotali għandha x'taqsam f'li tkun abbati? Nemmen li iva. Dan b'xi mod iħalli l-impatt tiegħu. Ma nħossx li l-vokazzjoni tiegħi ġejja mill-fatt li jiena kont abbati, biss din ħalliet l-influwenza tagħha. Naf ħafna ħbieb tiegħi oħra li kienu abbatini bħali u l-Mulej sejjħilhom għal ħajja oħra.



Li tkun abbati primarjament ifisser li taqdi lis-saċerdot fuq l-artal. Permezz t'hekk wieħed ikun ħafna qrib tal-affarijiet sagri u fuq kollox ta' Ġesù nnifsu preżenti fil-Kelma tiegħu u fl-Ewkaristija. Dan il-qadi għalhekk jitlob li l-persuna tkun iffurmata sewwa u anki li tkun qiegħda tifhem dak li qiegħed isir fuq l-artal. Il-mumenti ta' formazzjoni li kien ikollna bħala abbatini kienu importanti ħafna biex jiena nikber fil-fidi. Hija formazzjoni li għadni ngħożż sal-ġurnata tal-lum. Kien permezz ta' dawn il-laqgħat li komplejt niskopri aktar min hu Ġesù b'mod speċjali fil-Kelma mqaddsa.

Barra mill-formazzjoni vasta li kien ikollna ta' spiss kienu jiġu organizzati attivitajiet sportivi, kulturali u anki ħarġiet oħra. Dan kompla għinni biex nibqa' miġbud lejn din l-Għaqda u anki jkolli kumpanija ta' ħbieb tajba. Peress li l-abbati jqatta' ħin tajjeb fil-knisja minħabba l-attivitajiet, kienet okkażjoni tajba għalija biex nsir naf aktar mill-qrib il-patrijiet, bla dubju l-aktar id-direttur tal-Għaqda. Fil-patrijiet dejjem rajt eżempju tajjeb li ħeġġiġni aktar biex insaqsi mistoqsijiet fuq il-ħajja tagħhom. Id-dedikazzjoni għal pastorali u l-ħerqa li jwasslu lil Ġesù kienet xi ħaġa ċara fihom. Aktar tard imbagħad bdejt nifhem xi ftit aktar il-Ħajja Reliġjuża u anki l-karizma Franġiskana Kapuċċina xi ftit aktar mill-viċin.

Meta fil-preżent inħares lura nara kemm il-Mulej uża kull ċirkustanza biex iwassalni għal din il-ħajja. Iż-żmien tiegħi bħala qaddej tal-artal kien żmien li fih trawimt naqdi lill-Mulej bil-ferħ. Erba' snin ilu l-Mulej reġa' għoġbu jsejjaħli biex naqdih bil-ferħ din id-darba fil-Ħajja Reliġjuża. Bix-xhieda tal-patrijiet li tagħhom kont viċin ma kellix diffikultà liema karizma l-Mulej qed isejjaħli għaliha. Il-karizma Franġiskana Kapuċċina kont rajtha tiġi mgħixa b'mod ħaj f'dawn il-patrijiet u għalhekk kienet ta' kuraġġ għalija biex ngħid iva lill-Mulej.

Illum li naqdih bil-ferħ ifisser li nkun tiegħu kompletament permezz tal-faqar, taċ-ċelebat u tal-ubbidjenza. Ifisser li nkun viċin il-fqir u l-batut u fuq kollox li jkolli relazzjoni b'saħħitha miegħu ħalli nkun nista' nwasslu lil oħrajn permezz tal-eżempju u l-istil tal-ħajja tiegħi.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-Kappillani, diretturi tal-abbatini u patrijiet li kienu parti mill-fraternità ta' San Ġwann tal-eżempju u l-kuraġġ li dejjem rajt fihom. Lilek li qed taqra dan l-artiklu nawguralek li tagħraf dak li l-Mulej qiegħed isejjaħlek għalih u li *"taqdih bil-ferħ"*. ■



# L-GĦAQDA AXON
## F'ESPERJENZA AVVENTURUŻA

**L-Għaqda Axon hija grupp ta' żgħażagħ li jiltaqgħu darba fil-ġimgħa fi ħdan il-parroċċa f'San Ġwann. L-għan tal-grupp m'huwiex biss biex iservi għal skop ta' formazzjoni, imma huwa wkoll post fejn wieħed jista' jesprimi ruħu u t-talenti tiegħu, f'ambjent ta' ħbiberija.**

L-ewwel esperjenza li kellna ta' skambju Interkulturali kien f'Settembru tal-2011, meta grupp ta' żgħazagħ mill-Fillandja ġew f'Malta għal għaxart'ijiem biex flimkien nagħmlu att ta' volontarjat ma' diversi organizzazzjonijiet. L-iskop tal-iskambju ma kienx biss dan, imma, kellna wkoll ċans li nesploraw id-differenzi kulturali ta' bejn żewġ pajjiżi li jaqsmu l-Ewropa bejniethom!

Fost l-attivitajiet li saru f'dan l-iskambju, nistgħu nsemmu l-esperjenza li kellna f'Dar San Ġużepp, Sta. Venera. Din kienet tikkonsisti fir-rinovar u t-tindif tad-dar, li kien qed isir dak iż-żmien. Il-grupp kollu ta daqqa t'id u lkoll flimkien ħdimna, waqt li ħadna gost!

Ġurnata minnom tlajna Għawdex flimkien, biex waqt li nuruhom is-sbuħija ta' dan il-post, nkunu nistgħu ngħinu lil ħaddieħor. Żorna l-anzjani tal-isptar t'Għawdex, u qattajna ftit tal-ħin magħhom, imma morna wkoll il-*Gozo SPCA Rehoming Centre*, fejn ħriġna l-klieb għal dawra, u għaddejna ftit tal-ħin nilagħbu magħhom.

Għaxart'ijiem malajr jgħaddu, imma dawn ma kienux it-tmiem ta' din l-esperjenza! F'Lulju li għadda, kellna ċ-ċans li nitilgħu l-Fillandja biex nagħmlu proġett fuq l-Anzjanità Attiva. Din l-opportunità serviet biex ilkoll flimkien morna ngħinu lil diversi anzjani Fillandiżi, kif ukoll biex ninfurmaw ruħna iktar rigward dan is-suġġett. Fost ix-xogħol li għamilna, għinna lill-anzjani jippreparaw id-djar tagħhom għax-xitwa qalila li jgħaddu minnha, kif ukoll morna nqattgħu ftit tal-ħin ma' xi anzjani fi sptar.

Kellna wkoll ċans nżuru zoo u diversi postijiet oħra li tawna l-opportunità biex insiru nafu iktar fuq dan il-pajjiż. Dawn l-attivitajiet servew ukoll biex insiru nafu iktar lil xulxin, u b'hekk il-grupp sata' jingħaqad iktar flimkien.

Aħna u ġejjin lura Malta, waqafna erbat'ijiem Ruma li servew ta' btala għalina lkoll. Żorna d-diversi attrazzjonijiet turistiċi tant magħrufin, bħal kolossew u l-funtana ta' Trevi. Imma kellna ċans ukoll li nżuru Assissi, fejn esperjenzajna s-serenità ta' dan il-villaġġ, li kienet kuntrastanti ħafna mal-ħajja mgħaġġla tagħna ta' kuljum.

Jekk tixtieq issir tafna iktar mill-qrib tista' tissieħeb fil-grupp magħna billi tikkuntatja lil Fr Carmelo, jew tibgħatilna ittra elettronika fuq: axoncsg@gmail.com. Tista' wkoll tingħaqad magħna għal xi laqgħa jew attività kull nhar ta' Tnejn fit-8:30pm fiċ-Ċentru Parrokkjali. Nistennewkom! Nisimgħu mingħandkom! ■

# "HAWN JIEN, MULEJ, GĦAX SEJJAĦTLI"

## WEGĦDIET PERPETWI TA' BR BERTRAND VELLA, FRANĠISKAN KAPUĊĊIN

Wara li xxandar l-Evanġelju, id-djaknu sejjaħli b'ismi, u jien weġibt...tajt l-'IVA' tiegħi biex ngħix għal ħajti kollha r-Regola u l-Ħajja tal-Aħwa Minuri Kapuċċini biex inkun nista' nimxi fuq it-tagħlim u l-passi ta' Sidna Ġesù Kristu, f'ħidma qaddisa sal-aħħar ta' ħajti. Minkejja l-biża' li ħassejt fija, dak il-ħin esprimejt ix-xewqa li għal ħafna snin kienet ilha tberren ġewwa qalbi. Ix-xewqa li ningħata kollni kemm jien lill-Fraternità fi ħdan l-Ordni Franġiskan Kapuċċin, sabiex naqdi lil Alla, lill-Knisja u l-bnedmin kollha. Wasalt għal dan il-pass għax nemmen bis-sħiħ fl-inizjattiva li ħa Alla miegħi li ma qagħadx janalizza t-talenti u l-kwalifiki li għandi biex jara jekk nistgħax ngħix is-sejħa ta' reliġjuż. Fil-ħniena kbira Tiegħu tefa' ħarsa ta' imħabba lejja u talabni biex inkun Miegħu u Tiegħu billi ngħix ħajti fuq il-passi tal-Fqajjar t'Assisi. Il-Ġimgħa, 7 ta' Diċembru 2012, lejlet il-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni, li hija l-patruna tal-Ordni, jiena wieġibt b'qalbi kollha u b'ferħ kbir ***"Hawn jien, Mulej, għax sejjaħtli".***

Il-Professjoni Perpetwa tiegħi fi ħdan l-Ordni Franġiskan Kapuċċin saret fil-knisja tas-Salib Imqaddes, il-Kapuċċini, il-Furjana. Din saret waqt Quddiesa mmexxija mill-Provinċjal, Patri Dominic Mangani flimkien ma' għadd sabiħ ta' konċelebranti, kemm Aħwa tal-istess Ordni u anki saċerdoti oħra, fosthom iz-ziju Ġiżwita, Fr Arthur Vella. Kienu preżenti wkoll id-djakni, Fr Glen Attard O.Carm u Fr Josef Pace OFMConv.

Iservu ċ-ċelebrazzjoni kienu l-postnovizzi flimkien ma' wħud mill-brothers. Iċ-ċelebrazzjoni bdiet fis-6:30pm u l-animazzjoni tagħha kienet f'idejn Fr Hayden Williams OFMCap flimkien mal-Worship Team tal-grupp 'Mir'. Ix-xhieda kienu Fr Ivan Scicluna OFMCap u Br Vincent Axiaq OFMCap.






*“…tajt l-‘IVA’ tieghi biex nghix għal ħajti kollha r-Regola u l-Ħajja tal-Aħwa Minuri Kapuċċini biex inkun nista’ nimxi fuq it-tagħlim u l-passi ta’ Sidna Ġesù Kristu, f’ħidma qaddisa sal-aħħar ta’ ħajti.”*



Preżenti kien hemm familjari, ħbieb, membri tal-OFS, tal-GiFra, leaders tal-Group 'Y' Life - Kalkara u tal-Group G7.30 Kristu Re, Paola, li magħhom qed nagħmel esperjenza ta' appostolat, u kien hemm wkoll s-seminaristi u studenti reliġjużi li magħhom qed inkompli l-kors tal-S.Th.B. fl-Università ta' Malta.

Fl-omelija tiegħu l-Provinċjal beda billi qal li l-aċċettazzjoni u l-għejxin tal-voti jagħtu kuraġġ u eżempju lill-poplu nisrani biex ma jiġrix wara filosofiji li jippromwovu l-ħsieb li l-bniedem għandu l-libertà assoluta flimkien mad-dritt li jippossiedi kollox. Huwa Kristu li jagħti l-vera identità u libertà lil bniedem. Għaldaqstant huwa xieraq li naħdmu għaliH, u kif jistqarr San Franġisk, għandna nagħtuH glorja u l-imħabba kollha tagħna.

Sar riċeviment imbagħad ġewwa r-refetorju tal-kunvent biex inkomplu naqsmu l-ferħ ta' din l-okkażjoni flimkien.

Twelidt nhar l-14 ta' Ottubru 1977, l-aħħar wild fost żewġt aħwa subien u oħti, frott l-għaqda tal-imħabba fiż-żwieġ tal-ġenituri tiegħi, Biagio u Julia. Barra mid-don tal-ħajja, il-ġenituri ħasbu għalija sabiex nagħmel parti mill-komunjoni tal-Knisja permezz tal-magħmudija li jien irċevejt fil-knisja ta' Kristu Re, Raħal Ġdid. Jien trabbejt Ħal Tarxien. Kien f'din il-parroċċa li jien irċevejt is-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof. Ta' età żgħira bdejt nagħti s-servizz tiegħi bħala abbati fil-knisja tal-Agostinjani f'Ħal Tarxien, u dan barra li kont nattendi wkoll għat-tagħlim tad-duttrina fis-soċjetà tal-MUSEUM. Għaddejt iż-żogħżija tiegħi nagħti sehemi fit-tħejjijiet ta' kull sena għall-festa ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien. Importanti u għal qalbi wkoll kienet il-karriera ta' għalliem li matulha, għal seba' snin, għallimt ir-reliġjon f'żewġ skejjel sekondarji tas-subien.

L-iktar esperjenza li rawmet fiha x-xewqa qaddisa li l-Mulej żergħa fija kienet dik li għamilt ġewwa l-Etjopja. Permezz ta' din l-esperjenza missjunarja bdejt ninduna li l-Mulej riedni nħalli kollox u nimxi warajH kif għamel Franġisku t'Assisi. Wara żmien ta' talb u dixxerniment, ta' 28 sena bdejt iż-żmien tal-formazzjoni mal-Franġiskani Kapuċċini fil-kunvent tal-Kalkara. Wara sena tan-novizzjat f'Camerino l-Itajla, f'Ottubru tal-2008, għamilt l-ewwel Professjoni tiegħi. Fl-2010 imbagħad bdejt il-kors tal-filosofija fl-Università ta' Assisi, u fil-preżent qed insegwi l-istudju tat-teoloġija fl-Università ta' Malta.

L-esperjenza tiegħi ma' Ġesù wasslitni għall-Professjoni perpetwa meta wiegħedt lil Alla li għas-snin kollha ta' ħajti ngħix fl-ubbidjenza, fil-faqar u fis-safa. Dan jitlob minni li ngħix bl-aktar mod radikali l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu li meta kien fostna l-bnedmin għex ta' fqir, kast u ubbidjenti

lejn il-Missier. Din il-mixja ta' konverżjoni u ta' ħajja spiritwali għandha twassalni biex inkun xbieha ħajja ta' Kristu fuq din l-art. Bħal San Franġisk u ħafna nsara oħra, jien ukoll inħoss fija x-xewqa li ningħata kollni kemm jien lil Alla u li naqdiH fil-Knisja tiegħu. Iżda rrid nistqarr il-bżonn kbir tiegħi li ninżel aktar spiss għarkupptejja quddiem Ġesù fit-talb sabiex nitolbu jgħini ngħix kemm jista' jkun il-kliem li ġej mill-kostituzzjonijiet tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin li, ***"il-ħajja kollha tagħna ta' talb tkun mimlija bl-ispirtu tal-appostolat u l-ħidma appostolika tagħna tkun mibnija fuq l-ispirtu ta' talb"*** (KOST OFMCap, 13:5). It-talb li ngħix ta' kuljum jgħini biex naffronta d-diversi esperjenzi tal-ħajja u nħares lejhom bħala r-rieda ta' Alla għalija. Kull okkażjoni hija għalija opportunità biex nara lil Ġesù f'kull persuna madwari kemm jekk hija membru tal-istess Fraternità li tagħha jien nifforma parti, kemm jekk hija persuna marida, parruċċana, missjunarja, etċ, u b'hekk inkun qed ngħin sabiex il-kelma Tiegħu tkun ħajja.

Permezz tal-Wegħdiet li pprofessajt irrinunzjajt għal valuri li l bniedem jikkunsidra importanti:

- l-imħabba konjugali umana,
- oġġetti materjali, u
- l-awtonomija umana

sabiex nuri u nixhed li hemm valuri li jmorru lil hinn mill-affarijiet tad-dinja, sabiex nixhed li Alla u l-ħajja eterna jiġu l-ewwel u qabel kollox.

- Permezz tal-vot tal-kastità, il-ħajja kkonsagrata tfakkar li teżiżti ħajja fejn raġel u mara jistgħu jħobbu lil xulxin b'mod trasparenti, sħiħ u pur. Il-ħajja kkonsagrata terġa' tfakkar li teżiżti ħajja fejn raġel u mara jistgħu jgawdu b'libertà u rispett profond l-affarijiet tad-dinja billi jitbiegħdu mill-materjaliżmu skont kif jgħallem l-Evanġelju.



- Permezz tal-vot ta' l-ubbidjenza, il-ħajja kkonsagrata tfakkar ukoll li teżiżti ħajja fejn raġel u mara jistgħu jservu lil Alla b'sottomissjoni libera u b'imħabba u mhux bħala skjavi.

Fis-Sinodu tal-Isqfijiet li sar f'Ottubru 2012, bl-isem L-Evanġelizzazzjoni Ġdida biex nittrasmettu l-fidi Nisranija, ġie enfasizzat li kull membru tal-Ħajja Kkonsagrata huwa strument qawwi biex ixerred il-Fidi lill-poplu kollu ta' Alla, u dan mhux bit-talb biss, imma u fuq kollox bil-mod ta' kif wieħed jgħix ħajtu mal-oħrajn. B'dan il-mod kull wieħed minna jkun qed jgħin lill-Poplu ta' Alla isib il-kuraġġ jiġġedded.

Għalhekk l-impenn tiegħi huwa li nkompli niżra' l-egħruq tiegħi bis-serjetà fi Kristu, u li jkolli dik il-'passjoni' ta' mħabba għaliH sabiex b'dak kollu li nagħmel inkun qed inwettaq il-missjoni li nwassal lil Kristu lill-oħrajn. ■





# L-EVANĠELIZZAZZJONI ĠDIDA (I)

Bħalma ħafna jafu, il-Papa Benedittu XVI għadu kemm ħabbar is-Sena tal-Fidi. Din is-SENA ġiet varata nhar il-11 ta' Ottubru, jiġifieri għeluq il-ħamsin anniversarju mill-ftuħ uffiċjali tal-Konċilju Vatikan it-Tieni. Dan il-Konċilju importanti ħareġ lill-Knisja mill-mentalità difensiva tagħha u fetaħha għal iktar riflessjoni magħha nnifisha u kif ukoll fir-relazzjoni tagħha mad-dinja tal-lum.

Ħamsin sena għaddew bħar-riħ minn dan l-avveniment kbir. Il-Konċilju Vatikan it-Tieni kien esperjenza ta' Pentekoste ġdida fuq il-Knisja kollha. Aħna l-Kattoliċi għadna nsibuha bi tqila biex nifhmuha li l-viżjoni tagħna fuqha għadha mċajpra mill-biża' u n-nuqqas ta' fidi fil-ħidma oriġinali tal-Ispirtu s-Santu fina bħala Knisja. Dan johroġ ċar fl-inizjattivi foqra li noħorġu bihom. Fid-dawl ta' dan kollu u b'responsabbiltà kbira l-Papa preżenti kellu l-gazz li jniedi din is-Sena tal-Fidi bil-għan li ninżlu iżjed fil-fond kemm tal-messaġġ Nisrani u kif ukoll ta' modi aktar aġġornati biex lil Ġesù jsehħilna nxandruh tassew ma' kulħadd u kullimkien.

F'postijiet fejn il-fidi raqdet kważi r-raqda tal-mewt, bħalma hi fl-Ewropa, qegħdin jokorbu bil-kbir għall-"Evanġelizzazzjoni Ġdida". L-ironija hi li, il-pajjiżi evanġelizzaturi, illum qieghdin f'qagħda li huma nfushom għandhom bżonn li jiġu evanġelizzati mill-ġdid. Misjuq minn din il ħtieġa qiegħed umilment noffri din il-ġabra ta' ħsibijiet bil-għan li tgħinna nifhmu l-bżonn li niskopru l-fidi tagħna mill-ġdid u, taħt id-dawl tal-Ispirtu s-Santu, noħorġu b'suġġerimenti konkreti ta' kif aħna nistgħu nkunu parteċipanti ħajjin u entużjażti ta' din l-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida.

L-ewwel darba li t-terminu "Evanġelizzazzjoni Ġdida" ra d-dawl tax-xemx kien f'għadd ta' enċikliċi, diskorsi u kitbiet miktuba mill-Beatu Ġwanni Pawlu II. Xi jfisser dan it-terminu? Fil-ktieb intervista Lil hinn mill-Għatba tat-Tama, il-Papa Pollakk jgħid: *"L-espressjoni Evanġelizzazzjoni Ġdida ġiet popularizzata fl-enċiklika ta' Papa Pawlu VI*



*l-Evanġelizzazzjoni fid-Dinja Moderna, bħala tweġiba għall-isfidi ġodda li d-dinja kontemporanja toħloq għall-missjoni tal-Knisja".* Fl-istess intervista Ġwanni Pawlu II jgħid li huwa jara l-ħtieġa li din l-Evanġelizzazzjoni tiġi "varata bil-kbir" u b'ħafna modi fil-ħajja preżenti tal-Knisja.

Din is-sejħa għall-Evanġelizzazzjoni Ġdida hija profetika u revoluzzjonarja fil-Knisja. Fil-Pontifikat tiegħu, Ġwanni Pawlu II wera l-importanza li l-Knisja tindirizza u tiffoka mill-ġdid l-prijoritajiet tagħha. Fl-enċiklika tiegħu Redemptoris Missio l-Papa qal li *"l-mument wasal biex l-enerġiji kollha tal-Knisja jintużaw għall-Evanġelizzazzjoni Ġdida u għall-missjoni ad gentes. L-ebda Nisrani u istituzzjoni tal-Knisja ma jistgħu jaħarbu minn dan id-dmir suprem: li jipproklamaw lil Kristu lill-popli"* (§ 3). Minn natura tagħha l-Knisja hija missjunarja. Għalhekk, l-Evanġelizzazzjoni hija dover ta' kull Nisrani.

Fl-eżortazzjoni appostolika tiegħu Evangelii Nuntiandi Papa Pawlu VI qal: *"Nixtiequ nikkonfermaw mill-ġdid li d-dmir tal-Evanġelizzazzjoni tal-popli kollha jagħmel il-missjoni essenzjali tal-Knisja. Huwa dmir u missjoni li l-bidliet vasti u profondi tas-soċjetà preżenti jagħmluh bil-wisq aktar urġenti. Fil-fatt l-Evanġelizzazzjoni hija l-grazzja u s-sejħa propja tal-Knisja. L-identità profonda tagħha. Hija teżiżti biex tevanġelizza"* (§ 14). Quddiem dinja li dejjem titbiddel, kultura taċ-ċiviltà tal-punent kulma tmur iktar titfarrak, u d-dehra dgħajfa ta' Knisja li qiegħdha dejjem tixjieħ f'għadd ta' mkejjen fid-dinja, il-Beatu Ġwanni Pawlu II kellu l-ħila jagħmel sejħa urġenti għall-Evanġelizzazzjoni Ġdida. Hemm bżonn li l-Knisja kollha tħaddan din is-sejħa u tagħmilha parti normali mill-ħajja Kattolika tagħha.

Meta Ġwanni Pawlu uża t-terminu "Evanġelizzazzjoni Ġdida", biha ma fissirx messaġġ ġdid. Fid-diskors tiegħu li jġib l-isem lx-xogħol tal-Isqfijiet Latin-Amerikani, il-Papa jgħid hekk: *"L-Evanġelizzazzjoni ma tistax tkun ġdida fil-kontenut tagħha ġaladarba t-tema veru tagħha hija dejjem il-Evanġelju wieħed mogħti f'Ġesù Kristu".* F'kitbiet oħra bħal Redemptoris Missio, Dives in Misericordia u Lumen Gentium, il-Knisja tfisser b'mod mill-aktar fundamentali x-xandir tal-messaġġ bażiku Nisrani: Is salvazzjoni permezz ta' Ġesù Kristu.

Skont il-Papa, huwa fuq dan is-sies tal-messaġġ bażiku tal-ħajja eterna f'Alla l-li kunċett ta' Evanġelizzazzjoni għandu jitwessa'. Alla *"jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità"* (1Tim 2:4). Il-Papa jirrimarka li hemm diversità ta' attivitajiet fil-missjoni tal-Knisja. Huwa jgħid li l-Evanġelizzazzjoni m'għandiex tkun limitata għal dawk li jemmnu, iżda wkoll tħaddan fiha lill-insara li ma jemmnux u kif ukoll lill-kulturi sħaħ. Fid-diskors tiegħu dwar ix-xogħol tal-Isqfijiet Latin-Amerikani, il-Papa jitħaddet dwar l-Evanġelizzazzjoni li hija ġdida. Skont Ġwanni Pawlu II *"l-Evanġelizzazzjoni tista' tkun ġdida fl-entużjażmu, fil-metodi u fl-esperessjoni".* Trid tkun maqtugħa għan-nies ta' żmienna.

- Bħala Nisrani ndaħħal xejn lil Ġesù Kristu fi kliemi u fi mġibti?
- Nuża kull okkażjoni biex inħalli warajja l-marka ta' Ġesù?
- Nikkollabora f'xi jnizjattiva biex il-messaġġ ta' Ġesù jixxandar? ■





# PALAZZI F'MALTA (VI)
# IL-PALAZZ TAL-PRESIDENT (4)



Fil-ħarġiet ta' DAWL FRANĠISKAN li għaddew rajna xi aspetti tal-palazz, issa se nkompli xi aspetti oħra ma' dan l-istess bini.

## GĦAMARA

Għall-ewwel il-kavallieri kienu jimportaw l-għamara minn pajjiżhom. Wara, il-ħaddiema Maltin bdew jirċievu ordnijiet biex joħolqu bċejjeċ simili ta' dawn l-affarijiet importati. Fis-seklu 18, din it-taħwida ta' stili waqfet u l-kavallieri bdew joħolqu stil biex jaqbel mal-għamara u tiżjin li kien hemm diġà. Din ġabet l-idea ta' unità u fl-istess ħin ġabet xogħol għall-Maltin. Mad-dħul tal-Ingliżi, ħafna mill-għamara ta' żmien il-kavallieri spiċċat. Ħafna minnha nbiegħet. Xi bċejjeċ marru fid-djar il-Maltin, eċċ. Tassew ħasra!

## L-OSSERVATORJU U T-TORRI

Il-palazz kellu l-osservatorju astronomiku. Kien il-Gran Mastru Emmanuel de Rohan-Polduc (1773-1797) li waqqaf dan l-osservatorju fil-parti ta' fuq nett tal-palazz. Il-Gran Mastru sab l-għajnuna ta' kavallier Franċiż, Fra Dèodat de Gratet de Diolomieu. Dan kien jifhem sew fix-xjenza u anki fil-mineraloġija. Skond il-fehma ta' Diolomieu, is-sema





Maltija hija l-aħjar li wieħed jista' jsib biex jistudja s-smewwiet. Hu kien għamel studju ddedaljat tal-ġeografija ta' Malta. Dan l-istudju kien sar bejn is-snin 1781-1782. Biex jiftaħ dan l-osservatorju l-Gran Mastru kien xtara diversi strumenti mill-belt ta' Genova. Fl-osservatorju kien jaħdem ukoll Jean-August D'Angos, li kien wieħed li jifhem fil-fiżika. Fis-sena 1789 l-osservatorju ħa n-nar u l-istudji li kienu saru taru mar-riħ. Il-ħolma tal-Gran Mastru li jkun magħruf, li kien il-patrun tax-xjenza kienet spiċċat darba għal dejjem.

Il-palazz kellu wkoll it-torri. Dan kien il-post fejn kienu jpoġġu t-teżori tal-Ordni. It-torri kellu diversi kmamar fejn wieħed jista' jżomm dawn it-teżori. Fost dawn it-teżori kien hemm ix-xabla ta' de Valette u anki ċ-ċinturin. Dawn kienu ġew mogħtija mill-Imperatur ta' Spanja Filippu II.

## ĦADDIEMA FIL-PALAZZ

Skond il-kittieb, il-Markiż Nicholas de Piro, fil-palazz, fi żmien il-kavallieri, kien hemm diversi ħaddiema. Insemmu fost l-oħrajn nies li kellhom x'jaqsmu mal-ikel, oħrajn xogħolhom kien mas-salarji u oħrajn kienu jieħdu ħsieb l-ilsiera. Fost dawn insemmu lil Paolo Testaferrata, li kien wieħed mill-'secreti' jew amministraturi li kien hemm. Testaferrata kien jaħdem fi żmien il-Gran Mastru Perellos.

Insemmu wkoll ħaddiem ieħor li kellu x'jaqsam mal-palazz. Dan kien Giovanni Gourgion, li kien 'maestro di sala'. Xi ħaddiema bnew rabta intima mal-Gran Mastri. Wieħed minnhom kien il-Baruni Gio Francesco d'Amico Inguanez li saħansitra talab lill-Gran Mastru Pinto biex ikun il-parrinu tat-tifel tiegħu fil-magħmudija.

## MISTEDNIN

Palazz hekk importanti bilfors kellu diversi mistedin. Insemmu lill-poeta Ingliż Coleridge, li żar il-palazz fit-18 ta' Mejju 1804. Waqt li kien fil-palazz sema' l-quddiesa fil-kappella li kienet qed taqdi l-kommunità Anglikana. L-affreski tal-kappella kienu mpressjonawh. Mistieden ieħor kien id-Duka ta' Estrada. Dan wasal Malta fl-1624. Wasal fuq flotta tal-vapuri tal-gwerra. Persuna li kienet taf il-palazz kienet il-Konti Alessandro Cagliostro. Dan ma kien ħadd ħlief Giuseppe Balsano. Hu kien jgħid li kien iben il-Gran Mastru Pinto. Kien wieħed avventuruż u li kien ħabib ta' ħafna nies tal-poter.

## IKEL

Għall-ewwel il-Gran Mastri kienu jgħixu ħajja sempliċi. L-ikel kien ukoll sempliċi. Kien żmien meta l Gran Mastru kien jaqsam l ikel tiegħu mal-fqar. Iżda hekk kif l-idea tal-poter

bdiet tiżloq minn idejn il-Kunsill Ġenerali u tmur f'idejn il-Gran Mastru, l-ikel u x-xalar żdied. Naturalment ħafna miċ-ċerimonji u ikliet bdew isiru fil-palazz. Peter Tolstoi żar il-palazz. Fuq is-siġġu maġistrali kien hemm il-Gran Mastru de Verdalle. Dan Tolstoi jirrankonta li fuq il-mejda tal-Gran Mastru kien hemm inbid mill-itjeb u ikel tassew sinjur. Id-dekorazzjonijiet tal-mejda u l-posati kienu tal-fidda. Patrick Brydone kiteb fuq il-ħajja tal-palazz. Hu qal ċar u tond li l-Gran Mastru kien jgħix ħajja komda u ta' lussu, aktar minn xi prinċep fl-Ewropa.

## ARMI

Fil-palazz hemm kollezzjoni żgħira ta' armi magħmulin fil-ġebla Maltija. Dawn sabu ruħhom fil-palazz fis-sena 1897 meta fuq is-siġġu tal-Gvernatur kien hemm Fremantle. Dan ta ordni biex ċerti armi li kienu tneħħew jittieħdu fil-palazz. Ordna wkoll li dawn jitwaħħlu mal-ħajt li kemm fil-kuridur miftuħ u li kemm fil-bitħa tal-Ġgant.

## FI ŻMIEN L-INGLIŻI U WARA

Għall-ewwel il-mexxejja Ngliżi bdew jgħixu barra mill-palazz. Sir Alexander Ball (1799-1801) kien joqgħod f'waħda mid-djar ewlenin li kienu bnew il-kavallieri – Casa Raimondo, li llum hija l-Mużew tal-Arti fi Triq in-Nofs In-Nhar. Meta Ball miet kien fil-Palazz ta' Sant'Anton u wara l-ġisem mejjet inġab fil-palazz fejn ġie esponut f'waħda mill-kmamar. Sir Thomas Maitland miet Malta u anki hu ġie esponut fil-palazz. L-istess ħaġa saret għall-Markiż ta' Hastings.

Il-palazz ħa daqqa kbira fi żmien l-Ingliżi. L-ewwel ħaġa li bagħtet il-palazz lura kienet id-dħul ta' neoklassiku fih u t-tibdil tas-sala ewlenija. F'din is-sala, l-affreski ta' D'Aleccio ġew mogħttija. Fis-sena 1908 dawn it-tibdiliet tneħħew fejn instabu li dawn l-affreski saritilhom ħsara kbira. Giorgio Pullicino kien wieħed mill-Maltin li ħadmu fuq din is-sala biex tingħata lura l-ġmiel li kellha qabel.

F'dak l-istess żmien twaħħlet fis-sala ewlenija l-gallerija tal-mużika. Din kienet qabel fil-kappella tal-palazz. Il-gallerija kienet parti mill-ġifen ta' żmien l-Ordni u sar restwar fuqha minn Vincenzo Busuttil. Kien il-Gvernatur Sir Gaspard Le Merchant li kompla żejjen din is-sala permezz ta' mirja, linef u għamara li nxtraw minn barra.

Fi żmien l-Ingliżi, fil-palazz saru wkoll passi glorjużi. F'April 1912, il-Gvernatur, il-Marixxall Lord Charles Onslow Plumer, ippubblika l-"Letters Patent", għax Malta kien se jkollha "Self Government". Tant li l-ewwel ftuħ tal-parlament sar mill-Prinċep ta' Wales, fl-1 ta' Novembru 1921, fil-palazz stess. Meta kien jinħatar Gvernatur ġdid, fil-palazz kienu jsiru xeni ġodda.

Kull sena, f'jum il-Gandlora, kienet issir ċerimonja speċjali. Fiha l-Gvernatur kien jiġbor il-Kappillani u Arċipreti biex iwasslihom il-'miri' u l-proġetti tal-gvern. Id-Duka ta' Connaught ġie maħtur Kmandant tat-truppi Ngliżi fil-Mediterran u dan mar joqgħod fil-Palazz, waqt li l-Gvernatur mar joqgħod fil-Berġa t'Aragona.

Ċerimonja speċjali saret fl-1926 meta l-membri tal-Ordni ta' San Ġwann inġabru fis-sala ewlenija tal-palazz biex jaħtru diversi membri ġodda. Għal din iċ-ċerimonja saret pittura mill-Malti Edward Caruana Dingli, fejn naraw lill-Gvernatur Sir Walter Congreve fuq it-tron u d-Duka a' Scarborough biswitu. Ċerimonja oħra speċjali li saret fil-Palazz kienet dik li saret l-għada tal-ksib tal-Indipendenza. F'din iċ-ċerimonja ġew mogħtija l-instrumenti tal-Indipendenza u saret fl-ewwel ftuħ tal-Parlament. Pass ieħor sar wara li Malta saret pajjiż ħieles. Il-kamra tal-parlament tittieħdet minflok l-armerija. Din il-kamra għandha stil li ma jixraqx għall-palazz storiku.

## GVERNATUR PARTIKULARI U L-PALAZZ

Il-palazz intrabat mad-dinja tal-Gvernaturi Ngliżi li kellha Malta. Il-Markiż ta' Hastings kellu problemi ta' saħħa. Ma riedx jara l-ebda tabib, iżda fl-aħħar kellu jċedi. Biex jarah it-tabib mar bl-uniformi. Hu miet waqt li kien fi triqtu lejn il-Belt ta' Napli biex ikompli l-kura tiegħu.

## L-ORDNI TA' SAN MIKIEL U SAN ĠORĠ

Fi żmien il-Gvernatur Maitland l-Ingliżi riedu jwaqfu Ordni ġdid. Dan kien biex jiċċelebraw żewġ postijiet fil-Baħar


Sir Thomas Maitland


F·M·DÑO·M·M
RA·D·RAYMUNDO·DEPERELL
LASSIS·NAVIUM·ISTITUTOR
MDCCXXIII




Mediterran. Dawn kienu Malta u l-Gżejjer Joniċi. Malta saret uffiċjalment parti mill-Imperu Ngliż fl-1814, waqt li l-Gżejjer Joniċi daħlu sena wara. L-Ingliżi riedu Ordni ġdid. Maitland ried isemmi dan l-Ordni lil San Ġwann u bħala kap ried ipoġġi Gran Mastru. Mal-Ingliżi dawn l-ideat ma tantx niżlu tajjeb u fl-10 ta' Diċembru 1818, il-Gvernatur ħabbar it-twaqqif tal-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ. L-ewwel investitura saret fis-sala ewlenija tal-palazz, sewwa sew fis-16 ta' Diċembru 1818. Il-Maltin li saru membri f'dan l-Ordni kienu Dr Giuseppe Borg Olivier, president tal-qorti tal-Appell, Dr Raffaele Crispino Xerri, membru tal-Kunsill Suprem tal-Ġustizzja, u Dr Giuseppe Nicolò Zammit. Fl-1828 Sir Raffaele Crespino Xerri ħatar lill-Maġġur Ġenerali, Frederick Ponsonby, li kien Gvernatur ta' Malta, membru tal-Ordni f'livell tas-Salib il-Kbir (Gran Croce). L-istess storja rrepetiet ruħha fl-1843 meta Sir Agostino Randon ħatar lil Lugotenent Ġenerali, Patrick Stuart, f'din l-Ordni u meta Sir Adrian Dingli nħatar Gran Croce fl-istess Ordni.

Meta l-gżejjer Joniċi marru mill-ġdid mal-Greċja, l-Ordni sar japplika biss għal Malta. Bħal tifkira ta' dan l-Ordni, fil-palazz hemm żewġ inkwatri, xogħol ta' Pietro Paolo Caruana. Wieħed mix-xogħlijiet juri lil San Mikiel u l-ieħor juri lil San Ġorġ. Dawn kienu l-patruni tal-Ordni. Marbut mal-Ordni kien hemm ir-riforma tas-sala ewlenija tal-palazz. Din saret taħt it-tmexxija ta' Giorgio Pullicino. Tal-artist Malti kien hemm żewġ disinji li ma jinstabux aktar f'Malta. Forsi jinsabu fil-palazz ta' Korfù. ■

Referenzi

Lino Bugeja, *The Great Siege of 1565: Frescoes at the Grand Masters' Palace, Malta This Month, July 2001*

Stefanie Paulin, *The original design of the Grand Masters' Palace, Valletta, The Sunday Times, November 14, 1999*

Anon, *Paladini frescoes at Palace to be restored, The Times, October 31, 1998*

A E Abela, *The story of a hall, The Sunday Times, April 16, 1995*

The Times 17-III-2000

The Times 31-X-1998

Albert G Storace, *"Nepture" restored, The Sunday Times, September 12, 1999*

Philip Farrugia Randon, *At long last, this is it, The Sunday Times, October, 2001*

Anon, *Grand Master's suits of armour being restored, Malta This Month July 2001*

Albert Ganado (ed), Palace of the Grand Masters in Valletta, Fondazzjoni Patrimonju Malti, 2001

# ROKNA GĦAT-TFAL

## AĦSEB U WIEĠEB

1. Ġesù, għall-festa: ma telax, tela' bil-moħbi. (Ġw 7,10)
2. Talbuhom jagħżlu xi rġiel: sebgħa, ħamsa, għaxra. (Atti 6,3)
3. Minn ġol-bir telgħet: sallura, daħna, belliegħa. (Apk 9,2)
4. Ġwanni bagħat jistaqsih, inti: l-Messija, bin Ġużeppi, dak li għandu jiġi? (Mt 11,2-3)
5. Kemm ġabru qfief bil-biċċiet: tnax, għaxra, sebgħa. (Mk 8,19)
6. Wara tlitt ijiem sabuh: jilgħab, fit-tempju, mistoħbi. (Lq 2,46)
7. Ġesù tela' fit-tempju u: qagħad jitlob, jitkellem, jgħallem. (Ġw 7,14)
8. Kien jagħmel il-mirakli: Timon, Stiefnu, Nikola. (Atti 6,8)
9. Minn ġod-daħna tferrxu: ġradijiet, ġmied, irwejjaħ. (Apk 9,3)
10. X'ħarġu jaraw fid-deżert: skorpjuni, ramel, qasba tixxejjer. (Mt 11,7)

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.*

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk: **ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

IR-REBBIEĦ TA' JANNAR 2013
**JOHN CASSAR - MARSA**

# TISLIBA - 120



1. Sew ħżiena u sew hekk. (Koħ 12,14) (5)
2. Hekk kienu jagħmlu lill-mejjet. (Lq 7,12) (6)
3. L-idejn tal-presbiteri... (1 Tim 4,14) (5)
4. Liema ħaddiem. (Ħag 1,6) (5)
5. X'jiġrilek jekk tiekol. (Ġen 2,17) (4)
6. Biex ngħixu bir-... (Tit 2,12) (5)
7. Jew aħna jew dan. (Gal 1,8) (5)
8. Erba' qaddejja u tnejn minn dawn. (Tob 9,2) (5)
9. Mill-qiegħ tiegħu. (Lam 3,55) (3)
10. Mill-familja ta' Efrata. (Rut 1,2) (7)
11. u 12. X'kien Ċiru. (Esd 6,3) (3)
13. Kienet magħmula mill-ġrad. (Ġoel 2,25) (6)
14. Silġ hekk. (Apk 11,19) (5)
15. Lejn... u jilwu lejn Karka. (Ġoż 15,3) (5)
16. It-tama bħal din. (Lhud 6,19) (5)
17. Xerred demm il-muntun fuq dan. (Lev 8,19) (5)
18. Kienu nies ta' ħila kbira. (1 Mak 2,42) (7)
19. Dan jgħid... l-Mulej. (Eżek 6,3) (4)
20. *Itlaq* għamel l-għassa. (Naħ 2,2) (3)
21. X'għamel lir-riħ. (Mk 4,39) (5)
22. Din hi tal-karwani. (Ġob 6,18) (5)

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' JANNAR 2013:**
***1. Herqa; 2. Jinslef; 3. Salma; 4. Hażnu; 5. Issa; 6. Abjad; 7. Elija; 8. Aħseb; 9. Qal; 10. Mannara; 11. u 12. Efrata; 13. Tromba; 14. Aħrab; 15. Żjara; 16. Ixtru; 17. Itlaq; 18. Hxejjex; 19. Elmu; 20. Oħt; 21. Aħmar; 22. Rabta.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

IR-REBBIEĦ TA' JANNAR 2013
**FILIPPA XUEREB – ŻEBBUĠ**

**Ir-rebbieħa taż-żewġ kompetizzjonijiet jekk jogħġobhom jġbru l-premju bejn id-9.00am u 11.30am u bejn il-5.00pm u s-7.00pm mill-Uffiċċju Missjoni, Kunvent Kapuċċini, Floriana. Tel: 2123 3874**



# *FRA BASKAL U N-NAGĦĠA L-MITLUFA*

F'dik il-lejla xitwija Fra Baskal ma setax jagħlaq għajn ma' għajn, għaliex qabel daħal il-kunvent, lura miċ-ċirka, waħda mara bid-dmugħ f'għajnejha talbitu bil-ħniena biex jitlob għal binha li kien abbanduna l-Knisja u ħsiebu dejjem biex iwaqqa għaċ-ċajt it-tagħlim tagħha. Il-Fra ħass qalbu tingħafas għal dan iż-żagħżugħ, bin familja tajba, u ħass ħafna wkoll għall-imrar li kienet qed tixrob ommu. F'dik il-lejla wkoll kien għaddej maltemp qawwi: ragħad u beraq waħda f'waħda, riħ ivenven u xita sfieqa tfaqqa fuq il-ħġieġ tat-tieqa, maltemp li Fra Baskal stħajlu l-maltemp li kien għaddej minnu ż-żagħżugħ bogħod mill-grazzja t'Alla. Allura kif seta' jorqod it-twajjeb Franġiskan?



Imma, minn hawn u minn hemm, meta l-lejl kien daħal sewwa u l-Fra għamel kull sforz biex il-ħin jgħaddih fit-talb, fl-aħħar l-għajja għamlet tagħha u għajnu marret bih, imma għall-ħin qasir. Għax kellu ħolma li tajritlu n-ngħas minnufih. Ħolom li kien f'wied desolat, wied fejn l-unika ħajja kienet tikkonsisti f'xewk u għollieq ta ' kulur sewdieni u siġar flok miksija weraq aħdar kienu miżgħuda bix-xewk, ħiereġ mill-friegħi, xewk li kien qisu imsiemer imsaddin. F'daqqa waħda jisma' nagħġa tgħajjat mitlufa u mwerwra f'dan il-wied, dezert waħxi, għaliex ċorma lpup kienu resqin lejha biex jagħmluha bċejjeċ u jibilgħuha. Għall-ewwel il-Fra baqa' jħares skantat lejn l-imsejkna nagħġa ma jafx x'se jaqbad jagħmel meta f'daqqa waħda ħarset lejh u karbitlu: "Salvani". Mal-karba "salvani", it-twajjeb tagħna stenbaħ minnufih b'dik il-karba tidwi f'widnejh. Mill-ewwel fehem il-messaġġ tal-ħolma u ħassu fid-dmir li jsalva lin-nagħġa mill-aktar fis. Baqa' għal ftit jaħseb x'kellu jagħmel biex jiġi wiċċ imbwiċċ ma' dak l-iben il-ħali ta' dik l-omm li kienet bkietlu biex jitlob għalih. Ma setax jaqbad tarf fejn kellu jmur ifittxu. Imbagħad bejnu u bejn ruħu ħaseb: *"ħaġa waħda nista' nagħmel, immur nitlob lill-Mulej".*

Għalkemm il-lejl kien għadu fl-aqwa tiegħu u l-ksieħ ma kienx jgħammillek qalb toħrog mill-friex, il-Fra tajjar l-għata ħafif li kellu fuqu, niżel mis-sodda fqira tiegħu, xegħel ix-xema li kellu fuq il-buġija, baħbaħ wiċċu bl-ilma kiesaħ li kellu fil-buqar gol-friskatur fuq it-trepied, libes l-ilbies Franġiskan u bid-dawl bati tal-buġija f'idu, mexa fis-skiet lejn il-kappella u mar intefa' għarrobtejh quddiem it-tabernaklu jitlob id-dawl għax akkost kollox ried isalva lil dak iż-żagħżugħ.

Kemm dam mitluf f'għaqda mal-Mulej ma nafux. Imma għall-ħabta tal-Paternoster bdew jaslu l-ewwel devoti xjuħ għall-quddiesa tal-ewwel u billi sabu l-knisja għadha magħluqa, ħaġa mhix tas-soltu, bdew iħabbtu fuq il-bieb, xejn xejn biex jiskennu mis-sirda kiesħa u mit-traxxix tax-xita. Dan it-taħbit ġab f'tiegħu lil Fra u ftakar fejn kien. Qam mill-art u l-aħħar talba tiegħu kienet: "Dawwalni Mulej". Minnufih ġie mdawwal biex fl-ewwel imrieżaq ta' sbieħ il-jum, imur jistenna fit-taraġ taz-zuntier. Imbagħad kollu mimli paċi mar jiġri jneħħi l-istaneg ta' wara l-bieb u fetaħ. Sellem u talab maħfra lil dawk li kienu jistennew barra u bl-għajnuna tagħhom xegħel il-lampi u xi xemgħat fil-knisja u wara ħaffef lejn is-sagristija biex jipprepara l-meħtieġ għall-quddies.

(tkompli...) ■



# GĦIN LILL-KNISJA U LILL-ORDNI FRANĠISKAN KAPUĊĊIN FIL-KENJA BILLI TAGĦMEL...

# BORŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA'STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista'tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista'tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:*

**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**
**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**